**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Jannar 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**

1. **Mohammed Osman**
2. **Atte Bajmir Amdal**
3. **Walib Mohammed Hasan Kamis**
4. **Sadam Hussein Abdul Karim**
5. **Ahmed Zakaria Djibril**
6. **Bukari Ahmed Sanusi**
7. **Imaq Taha Omar Khalid**
8. **Rashid Mohammed Hanoum**
9. **Assad Ali Hassan Ali**
10. **Mohammed Ali Abdul Karim**
11. **Mohammed Adoom Nour Gabbar**
12. **Hassan Ahmed Asir**
13. **Abdel Aziz Waleed Adam Malik**
14. **Nasreddin Salem Abbaker**
15. **Mohammed Abu Karim Massud Goma**
16. **Abdu Banuf Aska**
17. **Mahmoud Sayed Ibrahim Sheikh**
18. **Sami Tadesse Asher Tab Lamlam**
19. **Ibrahim Gazzali**

**20. Lahaye Sidibe**
**21. Marcel Cedric Noubissi**
**22. Larussi Idriss**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

1. Mohammed Osman ta' 26 sena iben Mohammed u Fatima, mwieled Kurdafam, is-Sudan, nhar id-19 ta' Marzu 1993 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19OO-030

2. Atte Bajmir Amdal ta' 21 sena iben Atte Bajmir u Fatima, mwieled is-Sudan, nhar l-6 ta' Jannar 1999 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19OO-057

3. Walib Mohammed Hasan Kamis ta' 28 sena iben Mohammed u Zahra, mwieled Darfur, is-Sudan, nhar l-20 ta' Novembru 1991 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19AA-192

4. Sadam Hussein Abdul Karim ta' 22 sena iben Hussein u Aisha, mwieled Darfur, is-Sudan, nhar l-10 t' Ottubru 1997 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19OO-060

5. Ahmed Zakaria Djibril ta' 19 sena iben Zakaria u Khadija, mwieled Darfur, is-Sudan, nhar l-20 ta' Frar 2000 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19JJ-047

6. Bukari Ahmed Sanusi ta' 21 sena iben Ahmed Sanusi u Keltuma Ali, mwieled Hari Kordoum , is-Sudan, fl-1990 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19JJ-045

7. Imaq Taha Omar Khalid ta' 22 sena iben Taha Omar u Wesda Bashir Mohammed, mwieled Gezira, is-Sudan, nhar l-1 ta' Jannar 1998 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19JJ-023

8. Rashid Mohammed Hanoum ta' 22 sena iben Mohammed u Fatima, mwieled Darfur, is-Sudan, nhar l-01 ta' Jannar 1998 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19JJ-015

9. Assad Ali Hassan Ali ta' 45 sena iben Hassan Ali u Saida, mwieled Gezira, is-Sudan, nhar l-1 ta' Jannar 1975 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19JJ-077

10. Mohammed Ali Abdul Karim ta' 25 sena iben Ali u Aisha, mwieled Darfur, is-Sudan, fil-15 t'April 1994u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19II-109

11. Mohammed Adoom Nour Gabbar ta' 18 sena iben Adoom u Aisha, mwieled Darfur, is-Sudan nhar l-10 t'Ottubru 2001, residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19AA-334

12. Hassan Ahmed Asir ta' 17-il sena iben Ahmed u Fatima, mwieled Darfur, is-Sudan, nhar il-15 ta' Marzu 2002 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19JJ-029

13. Abdel Aziz Waleed Adam Malik ta' 35 sena iben Abdel Aziz u Mariam, mwieled Darfur, is-Sudan, nhar it-28 ta' Jannar 1990 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19OO-026

14. Nasreddin Salem Abbaker ta' 28 sena iben Salem u Samira, mwieled Darfur, is-Sudan, fl-1 ta' Marzu 1991 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19JJ-076

15. Mohammed Abu Karim Massud Goma ta' 35 sena iben Abu Karim u Mansura, mwieled Darfur, is-Sudan, fit-28 ta' Frar 1988 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19II-066

16. Abdu Banuf Aska ta' 22 sena iben Mohammed u Nagar, mwieled Zahra, il-Libja, fit-28 t' Awwissu 1997 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19II-070

17. Mahmoud Sayed Ibrahim Sheikh ta' 33 sena iben Sayed u Wafaq, mwieled Sinni, l-Egittu, nhar il-5 t'April 1986 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19JJ-064

18. Sami Tadesse Asher Tab Lamlam ta' 24 sena iben Tadesse u Lamlam, mwieled Asmira, l-Eritrea, f-1 t'April 1995 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19JJ-056

19. Ibrahim Gazzali ta' 21 sena iben Ibrahim u Hawa, mwieled Balerove, l-Ethiopia, fl-1 ta' Jannar 1999 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19AA-126

20. Lahaye Sidibe ta' 22 sena sena iben Yaya u Sira, mwieled Kerouane, il-Ginea, fit-23 ta' Dicembru 1997 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19II-097

21. Marcel Cedric Noubissi ta' 32 sena iben Kenmegne Siledje Lucas u Tchuenguia Noubissi Josephine, mwieled Younde, il- Kamerun, fl-24 t' Ottubru 1987 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19OO-028

22. Larussi Idriss ta' 27 sena iben Barak u Naaraa, mwieled Sutif, l-Algerija, fil-11 ta' Dicembru 1992 u residenti ic-Centru tad-dentenzjoni ta' Hal-Safi, detentur ta' numru tal-Pulizija 19II-178

Akkuzati talli f'Hal-Safi u/jew bnadi ohra f'Malta, nhar is-6 ta' Jannar 2020 ghall-habta ta' wara is-sebgha u nofs ta' fil-ghaxija:

1. Ingurjaw jew heddhu jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta' xi hadd inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe fuq Albert Camilleri, David Joseph Azzopardi, John Borg u Walther Spiteri waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu

dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghhom jew li tinfluxxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. Attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li tkun tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

3. Ghamlu offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Albert Camilleri, David Joseph Azzopardi, John Borg u Walther Spiteri hekk kif certifikat mit-tobba ta' Paola Health Centre

4. Hadu sehem f'gemgha li titqies kontra l-ligi, ngemghu jew baqghu flimkien b'aktar minn tlett persuni, ghal kull hsieb li kien, b'tali mod u taht cirkostanza tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, ghadd ta' nies, wiri ta' armi jew xort'ohra, li setghu gabu twerwir u biza fost in-nies f'Malta;

5. Baqghu jew issoktaw flimkien kontra l-ligi f'numru ta' tnax jew aktar ghal zmien siegha wara li gew formalment imwissija jew mitluba minn awtorita kompetenti biex jixxerdu u bil-kwiet imorru lejn darhom jew fuq xogholhom;

6. Assocjaw rwiehom ma' xi peruna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta u li ghalih hemm piena ta' prigunerija;

7. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra liema hsara tammonta ghal aktar minn €2,500;

8. Bil-lejl, kissru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes, jew ghajjat, jew b'mod iehor;

9. Volontarjament kissru il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

10. Ma obdewx ordnijiet legittimi ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u ma hallewhx u fixxkluh waqt li qed jaghmel id-dmirijiet tieghu;

11. Minghajr ma darbu jew sawwtu , heddu lil diversi ufficjali pubblici ohra b'gebel jew oggett iehor iebes jew waddbu jew qabdu xi arma sabiex ihebbu ghalihom;

12. Waddbu gebel jew hwejjeg ohra iebsin ghall-istha, bjut twieqi, bibien, btiehi, fanali, hitan tad-djar ta' haddiehor jew ta' bini iehor;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni a favur ta' Albert Camilleri, David Joseph Azzopardi, John Borg u Walther Spiteri ai termini ta' l-Artikolu 412 (C) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li din il-Qorti jidhrilha xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Albert Camilleri, David Joseph Azzopardi, John Borg u Walther Spiteri ai termini ta' l-Artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li fis-seduta tal-lum, l-Ufficjal Prosekutur irtira l-imputazzjoni numru tnejn (2) fic-citazzjoni, li hija r-reat kontemplat fl-Artiklu 96 tal-Kodici Kriminali, stante li l-fatti tal-kaz jinkwadraw taht Artiklu 95 li hija l-ewwel imputazzjoni.

Sussegwentement, l-imputati kollha rregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom.

Dr Yanika Bugeja ghall-imputati irregistrat dan il-verbal: *"tirreferi ghall-imputazzjoni numru 7 u tirreferi ghax-xhud li xehed illum stess. In vista ta' dak li qal ix-xhud l-imputati jissottomettu illi jirrizulta biss l-Artikolu 325 (1)(d) tal-Kodici Kriminali u ma tirrizultax l-imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 325(1)(a) tal-istess Kodici."*

Il-Qorti wissiet lill-imputati kollha bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghhom u senjatament li tenut kont li l-ammont ta' danni ghadu ma giex kwantifikat, il-piena massima li tista tigi nflitta minn din il-Qorti fuq l-imputati kollha hlief ghall-imputat Hassan Ahmed Asir hija ta' hames (5) snin prigunerija u hamest elef Euro (€5,000) multa, filwaqt li fil-konfront ta' Hassan Ahmed Asir il-piena massima li tista tigi nflitta hija ta' erba (4) snin

priguneriija u hamest elef Euro (€5,000) multa, u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputati jergghu jikkonsultaw mal-avukat taghhhom sabiex jaraw jekk iridux jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom.

Wara li regghet issejhet il-kawza, il-Qorti staqsiet lill-imputati jekk kellhomx hin bizzejjed biex jikkonsultaw mal-avukat difensur taghhom, l-imputati wiegbu fl-affirmattiv u kkonfermaw ukoll l-ammissjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni taghhom stess, il-Qorti issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, hlief tat-tieni imputazzjoni li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, u tal-imputazzjoni numru sebgha (7) (hsara volontarja), kif formulata fic-citazzjoni. Fil-kaz tas-seba' imputazzjoni, il-Qorti issibhom hatja taht l-Artikolu 525(1)(d) tal-Kodici Kriminali u mhux taht l-Artikolu 525(1)(a) tal-istess Kodici, stante li kif sewwa irrilevat id-difiza, il-Prosekuzzjoni ma gabitx prova tal-valur tal-hsara, stante li x-xhud Joseph Victor Muscat xehed fis-seduta tal-lum, li l-istima tal-hsara ghadha qed tigi kompilata. Ghalhekk l-imputati ghandhom jinghataw il-beneficcju tad-dubbju, u jibbenefikaw mill-inqas ammont ta' hsara kontemplat mill-Kodici Kriminali, stante li dan igorr mieghu il-piena l-aktar baxxa.

Rigward il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-ammissjoni tal-imputati ghandha titqies li hi wahda bikrija, stante li giet registrata fit-tieni seduta quddiem din il-Qorti, u ghalhekk huma ma hlewx il-hin tal-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

Il-Qorti qieset li l-imputazzjonijiet principali huma it-tieni imputazzjoni (thedid u ferita fuq persuni fis-servizz pubbliku), ir-raba' imputazzjoni (rewwixta) u s-seba' imputazzjoni (danni volontarji) pero bil-kwalifika kif fuq inghad. Bl-applikazzjoni tar-regoli tal-konkors tal-pieni, l-imputazzjonijiet l-ohra ghandhom jitqiesu assorbiti fil-pieni ta' dawn it-tlett imputazzjonijiet, ghax jew servew bhala mezz ghall-fini sabiex jigu kommessi dawn ir-reati, jew ghandha tigi applikata t-teorija tal-konkors formali jew ideologiku bejn ir-reati, jew ghax huma kontravenzjonijiet.

Fir-rigward tal-imputat Hassan Ahmed Asir, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li dan l-imputat ghandu sebatax (17)-il sena, u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 37(2) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti se tnaqqas il-piena tieghu bi grad.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 37(2), 48A, 79, 80, 95, 221(1), 338(m), 338(dd), (ee), (ff), 329(b) u (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontrihom, hlief ghat-tieni imputazzjoni li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, u fil-waqt li ma ssibhomx hatja tas-seba’ imputazzjoni in kwantu ibbazata fuq l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9, issibhom hatja tar-reat kompriz u involut kontemplat fl-Artikolu 325(1)(d) tal-istess Kapitolu.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tikkundanna lill-hatja, hlief lil Hassan Ahmed Asir, ghal piena ta’ disa’ (9) xhur prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hatja ghamlu taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma’ dawn ir-reati, u b’dan li ma ghandux jitnaqqas xi zmien li fih huma kienu qed jiskontaw xi sentenza ohra ta’ prigunerija. In oltre il-Qorti tikkundanna l-hatja ghal piena ta’ hlas ta’ multa ta’ tminn mitt Euro (€800.00) kull wiehed, li ghandha tithallas mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hatja jiskontaw il-piena karcerarja li qieghda tigi erogata b’din is-sentenza, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika ma’ l-awtoritajiet karcerarji din id-data. Jekk il-hatja ma jhallsux din il-multa, jew xi bilanc minnha, fiz-zmien stipulat, il-multa ghandha tigi konvertita fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

Fil-kaz tal-hati Hassan Ahmed Asir, il-Qorti tikkundannah ghal piena ta’ seba’ (7) xhur prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma’ dawn ir-reati, u b’dan li ma ghandux jitnaqqas xi zmien li fih hu kien qed jiskonta xi sentenza ohra ta’ prigunerija. In oltre, il-Qorti tikkundanna l-hati ghal piena ta’ hlas ta’ multa ta’ tminn mitt Euro (€800.00), li ghandha tithallas mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta il-piena karcerarja li qieghda tigi erogata b’din is-sentenza, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika ma’ l-awtoritajiet karcerarji din id-data. Jekk il-hati ma jhallasx din il-multa, jew xi bilanc minnha, fiz-zmien stipulat, il-multa ghandha tigi konvertita fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

Il-Qorti tordna li l-atti ta' din il-kawza flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**